**NEWSHEET TAL-GĦAQDIET KATTOLIĊI**
Segretarjat għall-Apostolat tal-Lajċi
IL-KURJA, KAXXA POSTALI 1 TRIQ IR-REPUBLIKA, VICTORIA, VCT 1013, GĦAWDEX, MALTA.
TEL: (00356) 2155 6661 - (00356) 2155 6427 - (00356) 2155 1211 FAX: (00356) 2155 127
**Nru.418.** **OTTUBRU 2011**

=======================================================================

# FTUĦ TAS-SENA SOĊJALI 20011-2012 TAL-AZZJONI KATTOLIKA F'GĦAWDEX

**Is-Sibt 1 ta' Ottubru 2011** ser isir il-Ftuħ tas-Sena Soċjali tal-Azzjoni Kattolika f'Għawdex fuq bażi djoċesana 2011-2012 fid-Dar Ċentrali tal-Azzjoni Kattolika, Victoria. Il-funzjoni tibda fil-5.00p.m b'diskors mill-President Djoċesan tal-Azzjoni Kattolika, Antoine Vassallo u fil-5.15pm quddiesa konċelebrata mmexxija mill-Assistent Ekkleżjastiku Mons Karm Hili flimkien mall-Assistenti Ekkleżjastiċi kollha tal-A. K. Wara Power Point imtellgħa mit-tfal ta' Mrs Carmen Formosa bi script ta' Ġanninu Cremona fuq **« il-Poter tal-Media »** u wara ssir diskussjoni fuqu minn panel magħżul apposta. Il-membri tal-Azzjoni Kattolika kollha huma mitluba jattendu.

=============================================================

## SILTA MILL-MESSAĠĠ TAL-PAPA BENEDITTU XVI FL-OKKAŻJONI TAL-85 ĠURNATA MISSJUNARJA

## IL-ĦADD 23 T'OTTUBRU 2011

*Il-Ħadd 23 t'Ottubru 2011 taħbat il-Ġurnata Missjunarja. F'dan il-jum kulħadd għandu jagħti s-sehem sħiħ tiegħu bit-Talb u l-offerta tiegħu. Niftakru wkoll fil-Missjunarji rġiel u nisa, fosthom numru sabiħ ta' lajċi, li qegħdin jiddedikaw ħajjithom għall-kawża missjunarja anke mill-gżejjer tagħna.*

*"Kif il-Missier bagħat lili, hekk jiena nibgħat lilkom"* (Ġw. 20, 21)

Fl-okkażjoni tal-Ġublew tal-2000, il-Venerabbli Ġwanni Pawlu II, fil-bidu ta' millennju ġdid tal-era Kristjana, enfasizza bil-qawwa l-bżonn li nġeddu l-impenn li nwasslu lil kulħadd il-bxara tal-Vanġelu "bl-istess ħeġġa tal-Insara tal-ewwel siegħa" (Ittra Appostolika Novo millennio inuente, 58). Dan huwa s-servizz l-aktar prezzjuż li l-Knisja tista' tagħti lill-umanità u lil kull persuna partikulari fit-tfittxija tar-raġunijiet profondi biex wieħed jgħix bis-sħiħ il-ħajja tiegħu.

Għalhekk dik l-istess sejħa tinstema' mill-ġdid kull sena fiċ-ċelebrazzjoni tal-Ġurnata Missjunarja Dinjija. Ix-xandir bla heda tal-Vanġelu, infatti, iħeġġeġ anki lill-Knisja, il-fervur tagħha, l-ispirtu appostoliku tagħha, iġedded il-metodi pastorali tagħha biex ikunu dejjem aktar addattati għas-sitwazzjonijiet ġodda – anki dawk li jirrikjedu evanġelizzazzjoni ġdida – u animati mill-ħeġġa missjunarja: "Il-ħidma missjunarja ġġedded il-Knisja, issaħħaħ il-fidi u l-identità nisranija, tnissel ħeġġa ġdida fir-ruħ u tqanqal għal impenji ġodda. Il-fidi tissaħħaħ billi tingħata lill-oħrajn. L-evanġelizzazzjoni mill-ġdid tal-popli nsara ssib ispirazzjoni u għajnuna mill-impenn għall-missjoni universali tal-Knisja" (Ġwanni Pawlu II, Enċiklika Redemptoris missio, 2).

### Morru u xandru

Dan l-iskop jiġi kontinwament imsaħħaħ biċ-ċelebrazzjoni tal-liturġija, speċjalment tal-Ewkaristija, li tispiċċa dejjem billi tagħmel eku għall-ordni ta' Ġesu' rxoxt lill-Appostli: "Morru …" (Mt. 28, 19). Il-liturġija hija dejjem sejħa 'mid-dinja' u missjoni ġdida 'fid-dinja' biex nagħtu xhieda ta' dak li esperjenzajna: il-qawwa ta' salvazzjoni tal-Kelma ta' Alla, il-qawwa ta' salvazzjoni tal-Misteru tal-Għid ta' Kristu.

Dawk kollha li ltaqgħu mal-Mulej irxoxt ħassew il-bżonn li jagħtu l-aħbar lil oħrajn, bħalma għamlu ż-żewġ dixxipli ta' Għemmaws. Huma, wara li għarfu l-Mulej fil-qsim tal-ħobż, "dak il-ħin stess qamu u reġgħu lura Ġerusalemm. Hemm sabu lill-Ħdax miġbura flimkien" u qalulhom x'kien ġralhom fit-triq (Lq. 24, 33-34). Il-Papa Ġwanni Pawlu II ħeġġiġna biex inkunu "għassa u pronti biex nagħrfu lil wiċċu u mmorru niġru għand ħutna u nwasslulhom il-bxara kbira: Rajna lill-Mulej!" (Ittra Appostolika Novo millennio ineunte, 59).

# Kalendarju Pastorali
# Ottubru – 2011
# Numru 418

| | |
|---|---|
| 1. Sibt | Santa Tereza tal-Bambin Ġesu', Verġni u Duttur tal-Knisja. Tifkira (O). Jum Internazzjonali tal-Anzjani (NU).<br>Bidu tas-Sena Soċjali 2011-2012 tal-Azzjoni Kattolika f'Għawdex, Dar Ċentrali A.K. Victoria (5.00-7.00pm).<br>Lejl Adorazzjoni mill-Mov.Ewk. fil-Knisja ta' Santu Wistin, Victoria li jibda fit-8.00pm. |
| **2. Ħadd** | **Is-27 Ħadd tas-Sena.** Issir il-Purċissjoni tal-Madonna tar-Rużarju.<br>Films għall-familja kollha fl-Oratorju Don Bosco, Victoria fil-5.30pm. |
| 4.Tlieta | San Franġisk t'Assisi. Tifkira (O). Jum il-Ħolqien. |
| 5. Erbgħa | Santa Marija Fawstina Kowalska, Verġni. Tifkira. |
| 6. Ħamis | Grupp Talb Dun Mikiel Attard (Knisja ta' Ħamet : 7.00pm. Quddiesa u fis-7.30pm Siegħa Adorazzjoni). |
| 7. Ġimgħa | L-Imqaddsa Verġni Marija tar-Rużarju. Tifkira (O). L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar. Adorazzjoni u Tqarbina Riparatriċi.<br>Laqgħa Għalliema Yr.4. (SF). Laqgħa għalll-persuni f'relazzjoni barra miż-żwieġ (KDF - Dar Manresa - 8.00pm). |
| 8. Sibt | Musical dwar Patri Piju (Oratorju Don Bosco Victoria - 7.30pm).<br>Lejl Adorazzjoni mill-Mov.Ewk. fil-Knisja Ta' Ħamet, li jibda fit-8.00pm. |
| **9. Ħadd** | **It-28 Ħadd tas-Sena. Jum it-tagħlim Nisrani (Jum il-Katekeżi)**. Jingħata l-Mandat lill-Katekisti.<br>Festa tal-Madonna tal-Patroċinju fil-Knisja tal-Wied, Għasri.<br>Laqgħa għaż-Żelatriċi tal-Missjoni (Seminarju – Uffiċċju Missjunarju).<br>Films għall-familja kollha fl-Oratorju Don Bosco, Victoria fil-5.30pm. |
| 10.Tnejn | Jum Dinji għas-Saħħa Mentali (NU) .<br>AKSK (St. Francis). Laqgħa għas-Saċerdoti Żona B (Żebbuġ - 4.00pm). |
| 11.Tlieta | Id-Dedikazzjoni tal-Knisja Katidrali. Festa.<br>Laqgħa għaż-Żgħażagħ Għawdxin f'Malta (Kappella tal-Università - 7.15pm). |
| 12.Erbgħa | Laqgħa Kunsill Komunitajiet Ewkaristiċi (Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb - 7pm).<br>Lagħa għall-persuni separati (KDF - Ċentru Pastorali tar-Ragħaj it-Tajjeb - 8.00pm). |
| 13.Ħamis | Laqgħa Għalliema Yr.5 (SF). Laqgħa KDF (Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb -7.30pm).<br>Is-6 dehra tal-Madonna ta' Fatima fil-Knisja ta' Ħamet. Fil-5.30pm Adorazzjoni Solenni u fis-6.30pm Quddiesa bl-Omelija tal-okkażjoni u wara pellegrinaġġ ta' Talb, kurunella u Barka Sagramentali. |
| 15.Sibt | Santa Teresa ta' Ġesu' Verġni u Duttur tal-Knisja. Tifkira (O).<br>Lejl Adorazzjoni mill-Mov.Ewk. fil-Parroċċa tal-Munxar, li jibda b'quddiesa fit-8.00pm. |
| **16.Ħadd** | **Id-29 Ħadd tas-Sena.**<br>Festa ta' Ġesu' Nazzarenu – Nazzarenu, Xagħra./ Jum Dinji tal-Ikel (NU).<br>Musical dwar Patri Piju (Oratorju Don Bosco Victoria fis-2.00pm). |
| 17.Tnejn | San Injazju ta' Antjokja, Isqof u Matri. Tifkira (O).<br>Laqgħa għas-Saċerdoti Żona Ċ (Qala - 4.00pm). Laqgħa KDF (Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb - 6.15pm). |
| 18.Tlieta | San Luqa, Evanġelista. Festa |
| 19. Erbgħa | KKSK (Seminarju). Laqgħa KDF (Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb – 7.30pm). |
| 20.Ħamis | Laqgħa Għalliema Yr.6. (SF). |
| 21.Ġimgħa | Sant' Ursola u sħabha Martri – Protettriċi tad-Djoċesi – Festa - Solennita' fil-Katidral.. |
| 22.Sibt | Adorazzjoni għall-Persuni Kkonsagrati fis-Santwarju Bażilka TA' PINU li tibda fis-6.30pm.<br>Lejl Adorazzjoni mill-Mov Ewk. Fil-Parroċċa ta' Kercem, li jibda fit-8.00pm.<br>Musical dwar Patri Piju (Oratorju Don Bosco Victoria - 7.30pm). |
| **23.Ħadd** | **It-30 Ħadd tas-sena. ĠURNATA MISSJUNARJA.** Isir ġbir għall-Missjoni tal-Opri Missjunarji Pontifiċji.<br>Films għall-familja kollha fl-Oratorju Don Bosco, Victoria fil-5.30pm.<br>Laqgħa Plenarja tal-Komunitajiet Ewkaristiċi. |
| 24.Tnejn | Laqgħa għas-Saċerdoti Żona D (Nadur fil-4.00pm). |
| 25.Tlieta | Laqgħa Koordinaturi Attività Teatrali (Skejjel tal-Knisja). |
| 27.Ħamis | Laqgħa għall-Persuni separati (KDF – Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb - 8.00pm). |
| 28.Ġimgħa | San Xmun u San Ġuda, Appostli. Festa. |
| 29. Sibt | Lejl Adorazzjoni mill-Mov Ewk. Fil-Kappella tal-Oratorju Don Bosco, Victoria, li jibda fit-8.00pm |
| **30.Ħadd** | **Il-31 Ħadd tas-sena. Jum Il-Bibbja.**<br>Films għall-familja kollha fl-Oratorju Don Bosco, Victoria fil-5.30pm |
| 31. Tnejn | Skola ta' Formazzjoni : Aspetti kanoniċi u pastorali tat-Tribunal tal-Knisja (KDF).<br>Laqgħa għas-Saċerdoti Żona A (katidral- 4pm).<br>Kunsill Pastorali –Ċentru Ragħaj it-Tajjeb – 8.00pm |

**MATUL DAN IX-XAHAR INĦEĠĠU BIEX IL-FAMILJI KOLLHA JITOLBU FLIMKIEN ID-DAR PERMEZZ TAR-RUŻARJU, U JOFFRU DIN IT-TALBA GĦAŻIŻA GĦALL-FAMILJI KOLLHA.**